**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2002

Citazzjoni numru 2752/99 AJM

Kawza numru

Epifanju sive Effie Galea

Vs

Kummissarju tal-Artijiet u l-Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi nhar il-Gimgha 17 ta' Dicembru 1999 l-attur ircieva ordni mahrug mill-konvenut (agent) Kummissarju tal-Artijiet skond l-Att 1972 dwar zgumbrament minn artijiet biex jizgombra mill-fond 151 hdejn Polverista Barracks, Bormla registrat bhala tenement numru 61624 u biex inehhi minn hemm l-oggetti kollha tieghu liema ordni jgieb in-numru L556/81 u datat 9 ta' Dicembru 1999; illi dan l-ordni huwa rritu u null peress li gie mahrug fil-mori tal-kawza fl-ismijiet Galea Epifanju sive Effie vs Kummissarju tal-rtijiet et (Citaz. Numru 927/99) li ghandha bhala suggett dan l-istess fond; illi dan l-ordni qieghed jinhareg

fuq fond illi gie mikri illegalment lill-terzi peress meta ma gewx segwiti l-proceduri soliti biex jinhareg l-offerta tal-kera ta' dan il-fond b'mod regolari; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-ordni numru L556/81 datat 9 ta' Dicembru 1999 mahrug mill-agent Kummissarju tal-Artijiet skond l-Att ta' l-1972 dwar Zgumbrament minn Artijiet huwa null u bla effett.

Bl-ispejjes u l-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija presentata fit-8 ta' Frar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi hu mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet ta' l-attur billi qatt ma kellu relazzjoni guridika mieghu u fil-mansjonijiet tieghu huwa jippresta l-assistenza tieghu biex jizgura li ma tinkisirx l-buon ordni;
2. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet presentata fl-14 ta' Frar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi l-attur ma ghandux titolu validu fil-ligi fuq il-fond de quo u dan kif gie dikjarat f'sentenza tal-Onor Qorti tal-Appell deciza fis-6 ta' Ottubru 1999 kontra l-istess attur.

2. Illi ghaldaqstant l-ordni li hareg il-konvenut nhar id-9 ta' Dicembru 1999 kienet wahda legittima bbazata fuq titolu ezekuttiv skond paragrafu (a) ta' lartikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi l-attur ipprova jipproibixxi l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament permezz ta' mandat ta' inibizzjoni datat 120/00 ppresentata quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-14 ta' Jannar 2000, liema mandat gie michud mill-istess qorti fil-25 ta' Jannar 2000.
4. Illi nonostante li l-attur jaf li ma ghandux titolu fuq il-fond de quo, huwa xorta qed juza l-mezzi li tippermettilu l-ligi sabiex itawwal il-process ta' zgumbrament billi jistitwixxi kawzi fuq mertu diga ezawrit.
5. Illi dwar il-mertu ma huwiex minnu li l-fond de quo gie mikri llegalment lill-terzi. Il-krija lill-terzi saret b'mod regolari, kif tikkontempla l-ligi taht l-artikolu 2 subinciz (1) paragrafu (a) tal-Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta,permezz ta' hrug ta' tender. Illi l-attur kien irrinunzja formalment ghall-kirja tal-fond de quo fl-21 ta' Frar 1994 u kien naqas li jitfa offerta ghall-kiri tal-fond, bil-konsegwenza li t-talba tieghu qatt ma setghet tigi kkunsidrata.

Rat id-dikjarzzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-12 ta' Gunju 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2000 meta l-attur iddikjara li ma kellux provi xi jressaq.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u t-trattazzjoni tad-difensur tal-attur.

Rat ukoll l-atti tal-kawza Citazzjoni numru 927/99 (RCP) li ghaliha ssir referenza fic-citazzjoni.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' April 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fid-9 ta' Dicembru 1994 il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet kien hareg "eviction order" kontra l-attur sabiex dan jigi zgumbrat minn fond okkupat minnu bla ebda titolu u abbusivament maghruf bhala Store 151 Polverista Gate, Cospicua.

L-attur odjern kien ikkontesta din l-ordni u b'citazzjoni presentata fl-1994 (Citaz. Numru 1646/94) kien talab li jigi dikjarat li huwa kellu titolu validu ta' kera fuq il-fond imsemmi u li konsegwentement jigi revokat l-ordni mahrug kontra tieghu, billi ukoll l-konvenut Kummissarju tal-Artijiet jigi inibit milli jezegwixxi dik l-ordni.

Dawk il-proceduri gew determinati fl-ewwel istanza b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Marzu 1996 meta t-talbiet attrici gew michuda bl-ispejjes kontra l-attur (odjern) stante li ma kienx jirrizulta li dan kellu xi titolu validu ghall-fond imsemmi. Din id-decizjoni giet konfermata fi stadju ta' l-appell b'sentenza tas-6 ta' Ottubru 1999 meta mhux biss giet konfermata s-sentenza tal-ewwel qorti u konsegwentement michud l-appell interpost

mill-attur (odjern) izda ukoll dik il-Qorti ghamlet diversi riflessjonijiet fuq numru ta' aggravji tal-appellant li ukoll gew kollha mwarbin.

In segwitu ghad-determinazzjoni tal-proceduri fuq imsemmija u precizament fis-17 ta' Dicembru 1999, l-attur rega gie notifikat b'ordni ta' zgumbrament mahrug ghal darb'ohra mill-Kummissarju tal-Artijiet in konnessjoni mal-istore in kwistjoni. Issa dawn il-proceduri huma intizi sabiex jigi dikjarat li tali ordni hija nulla u bla effett peress li tali ordni inhareg "fil-mori tal-kawza fl-ismijiet Galea Epifanju sive Effie vs Kummissarju tal-Artijiet et (citazz. Numru 927/99).

Jirrizulta li l-kawza Citazz. Numru 927/99 giet istitwita mill-attur odjern fil-mori tal-proceduri tal-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999. Dik il-Qorti fis-sentenza taghha imsemmija fir-rigward ta' talba maghmula mill-attur f'dawk il-proceduri u attur odjern, ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza pendenti l-ezitu tal-kawza istitwita mill-attur in extremis, qalet hekk "Din il-Qorti ma tarax ghaliex kellha tilqa' talba simili meta u sakemm l-appellant ma jkunx sodisfacentement ipprova li kellu titolu validu ta' kera fuq il-fond de quo".

Fil-proceduri Citaz numru 927/99 li ghalihom saret referenza mill-Onor Qorti ta' l-Appell u li jifformaw l-bazi ta' dawn il-proceduri, t-talba ta' Epifanju Galea hija intiza sabiex jigi deciz u dikjarat "*illi l-kirja allegatament konkjuza mill-konvenut Kummissarju (*tal-Artijiet) *lill-konvenut Mizzi hija nulla u bla effett in kwantu ma gewx segwiti il-proceduri legali ghad-disposizzjoni anki b'kirja ta' proprjeta' tal-Gvern ta' Malta."* Fil-verita' jekk dak li qed jallega Epifanju Galea fil-kawza imsemmija u li del resto ghadha pendenti, fir-rigward tal-proceduri ghal

ghoti tal-fond in kwistjoni b'kera, jirrizulta minnu, xorta wahda ma tbiddilx l-posizzjoni tieghu rigward l-okkupazzjoni llegali tieghu tal-fond imsemmi billi llum hemm sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fejn gie finalment stabbilit li l-istess Galea ma kellu ebda titolu validu fuq il-fond in kwistjoni. Konsegwentement l-istess Galea qed jokkupa l-fond de quo illegalment u kien korrett l-konvenut Kummissarju (illum Direttur) tal-Artijiet li johrog l-ordni ta' zgumbrament kontra tieghu. L-effett li jista' jkollha sentenza favur it-tezi ta' Galea fil-proceduri 927/99 jista biss jwassal ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-proceduri tat-tender li bih l-fond gie allokat lil Mizzi, izda tali sentenza qatt ma tista' taghti xi dritt ta'lokazzjoni lill-attur fuq il-fond de quo.

Illi jidher car li dan huwa tentattiv iehor sabiex l-attur jzomm l-ezekuzzjoni ta' "eviction order" fil-konfront tieghu u b'hekk jibqa' jgawdi l-istore idefinittiament se bene minghajr titolu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri